

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portuġiża**

(Kawża C-284/07) (¹)

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/51/KE — Kuntratti pubbliċi — Proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst*)

(2008/C 51/44)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Caeiros, D. Kukovec u P. Andrade, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portuġiża (rappreżentant: M. L. Fernandes, aġent)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE, tas-7 ta' Settembru 2005, li temenda l-Anness XX tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Anness VIII tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ix-xiri pubbliku, ir-Repubblika Portuġiża naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond din id-direttiva.

## Dispożittiv

- 1) Billi ma adottatx il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE, tas-7 ta' Settembru 2005, li temenda l-Anness XX tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Anness VIII tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ix-xiri pubbliku, ir-Repubblika Portuġiża naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond din id-direttiva.
- 2) Ir-Repubblika Portuġiża hija ordnata tħalli l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 183, 4.8.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-13 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo**

(Kawża C-294/07) (¹)

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/38/KE — Drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberamente fit-territorju ta' l-Istati Membri — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu preskrifti*)

(2008/C 51/45)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: D. Maidani, aġent)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo (rappreżentant: C. Schiltz, aġent)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu preskrifti, il-miżuri neċċessarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/38/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberamente fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, p. 77 u — rettifikattivi — ĠU L 229, 2004, p. 35 u ĠU L 197, 2005, p. 34)

## Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax il-miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċċessarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/38/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberamente fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, il-Gran Dukat tal-Lussemburgo naqas li jwettaq l-obbligi tiegħi skond l-Artikolu 40 ta' din id-Direttiva.
- 2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 211, 8.9.2007.